# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 1073/84 DS**

**Carmelo Galea**

**vs**

**Kenneth Mizzi u Maurice Mizzi, it-tnejn bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Mizzi Limited".**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' konvenuta b'dan l-att ta' citazzjoni :-

> "L-attur wara li ppremetta illi :-
>
> Fl-4 ta' Novembru 1981, l-attur xtara minghand il-konvenuti nomine freezer Model R85, skond invoice nru 0288G.
>
> F'xi zmien wara li tali freezer gie konsenjat mis-socjeta' konvenuta lill-attur, u minn dan adoperat fil-kors tan-negozju tieghu ta' restaurant fil-Bidnija, limiti tal-Mosta l-istess freezer ghal perijodu ta' zmien kien qed jiffunzjona hazin b'tort u

minhabba nuqqasijiet da parti tal-konvenuti nomine, kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

B'konsegwenza ta' tali funzjonament hazin tal-imsemmi freezer, matul il-perijodu fuq riferit, l-attur sofra danni ingenti konsistenti segnatament fil-valur ta' oggetti tal-ikel u effetti simili (bl-iskop li jigu adoperati fin-negozju tar-restaurant) li iddeterjoraw waqt li kienu preservati fil-freezer b'mod li kellhom jigu distrutti – kollox kif jigi provat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuti nomine huma unikament responsabbli ghall-funzjonament hazin tal-istess freezer u ghalhekk wkoll responsabbli ghall-konsegwenti danni hekk sofferti mill-attur kif premess.

Talab li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti :-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti nomine huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur konsistenti segnatament f'valur ta' oggetti tal-ikel u effetti simili li iddeterjoraw (u in segwitu gew distrutti) waqt li kien preservati fil-freezer mibjugh u konsenjat mis-socjeta' konvenuta lill-attur, u dana minhabba l-funzjonament hazin tal-istess "freezer", imputabbli wkoll tali funzjonament hazin ghal nuqqasijiet da parte tal-konvenuti nomine.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, okkorendo permezz ta' periti nominandi.

3. Finalment tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati in forza tat-tieni domanda ta' din."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenuti nomine eccipew preliminarjament illi s-socjeta' minnhom rapprezentata ma bieghux il-'freezer' mudell R.85 lill-attur kif kien minnu allegat fic-citazzjoni u ghalhekk huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u t-talbiet attrici michuda.

**IS-SENTENZA PRELIMINARI**

B'sentenza preliminari moghtija fit-8 ta' Mejju 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rrespingiet din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine bl-ispejjez kontra taghhom u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. Il-konvenuti nomine hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u appellaw minnha wara s-sentenza finali. Utli allura li tigi hawn riprodotta l-motivazzjoni ta' din is-sentenza.

> "Ikkunsidrat li huwa pacifiku li l-attur xtara "freezer" mudell R.85 biex juzah fir-restaurant tieghu li kellu fil-Bidnija u li dan il-freezer ma bediex jiffunzjona tajjeb wara xi zmien billi ma kienx ikessah kif suppost u bil-konsegwenza li l-attur kellu jarmi diversi oggetti tal-ikel li kienu qeghdin fih.
>
> Il-kwistjoni dibattuta preliminarjament hija min kien sewwa sew li biegh, jigifieri il-venditur, f'dina l-operazzjoni – is-socjeta' konvenut Mizzi Limited kif rapprezentata jew is-socjeta' The United Acceptance Finance Limited.
>
> Wara li sema' u gharbel il-provi, l-perit legali wasal ghall-konkluzjoni illi jekk kien hemm xi zball dwar min ezattament kien qieghed ibiegh lill-attur, dana l-izball ittiehed ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuti nomine stess u li dawn ghalhekk m'agixxewx korrettement u li ghalhekk jibqghu huma responsabbli di fronte l-attur f'kaz ta' xi nuqqas bhal dak allegat mill-attur.
>
> Fin-nota ta' kritika taghhom il-konvenuti nomine baqghu jishqu fuq id-dokument esebit a fol 7 tal-process, ftehim ta' hire purchase li minnu ghadu jirrizulta bic-car li l-ftehim sar mas-socjeta' The United Acceptance Finance Limited. L-attur, ighidu l-konvenuti nomine, mhux biss kien jaf b'dan il-ftehim ghax iffirmah hu stess imma baqa' jwebbes rasu billi, kif seta', jikkjama fil-kawza din is-socjeta'.
>
> Ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza, wiehed necessarjament irid jezamina l-provi biex jindaga x'seta' wassal lill-attur li jagixxi

kontra s-socjeta' konvenuta u mhux kontra dik imsemmija mill-konvenuti nomine.

Illi huwa minnu li l-ftehim in iskritt li jinsab esebit a fol. 7 isemmi socjeta' ohra. Pero' bl-istess mod jirrizulta wkoll li l-invoice relativa ghall-bejgh tal-freezer meritu tal-kawza inhareg mis-socjeta' konvenuta, kif ukoll kull dokument iehor dwar id-"delivery" il-garanzija, quotation, ecc. ecc. Il-kwistjoni li nqalghet ma kienitx dwar il-ftehim ut sic imma dwar hsarat – ghal liema assumiet kull obbligu s-socjeta' konvenuta. Jigi rilevat inoltre lis-socjeta' msemmija mill-konvenuti nomine ghandha biss rapport intern mas-socjeta' konvenuta mta flok bejgh isir ftehim ta' hire purchase. Mill-bqija – ara xhieda ta' Hugh Mercieca prodott mill-konvenuti nomine – "bhala regola l-United Acceptance ma tinnegozjax fis-sens li ma tixtrix u ma tbieghx". Jidher aktar minn evidenti ghahekk li dak li qed jigi eccepit mill-konvenuti nomine in linea preliminari ma jreggix.

Jekk wiehed ghad fadallu xi dubbju dwar dan il-punt ikun sufficjenti li jkompli jara dak li iddepona x-xhud Mercieca fis-sens li,

> ma jsirx kuntratt formali ta' bejgh minn Mizzi Limited mill-United Acceptance pero' jezisti 'a blanket arrangement' fis-sens li din it-transazzjoni tirrizulta mill-kontba tal-kumpanija relativi".

X'access jista' jkollu xerrej bhall-attur ghal dan l-arrangament intern li lanqas biss hu rizultat ta' kuntratt formali? Kif jista' jigi ritenut li l-bejgh gie kondott ma' socjeta' li lanqas biss ma tidher legalment il-proprjetarja tal-oggett de quo? Minbarra dan kollu lanqas hemm xi divergenza bejn il-kontendenti li f'kull kaz in kwantu ghal tiswijiet ta' hsarat, l-obbligi relativi kienu u baqghu dejjem assunti mis-socjeta' konvenuta. Jidher li s-socjeta' li dehret fuq il-ftehim ghamlet hekk semplicement ghal ragunijiet ta' arrangamenti finanzjarji li hija ghandha mas-socjeta' konvenuta u ghal ebda raguni ohra. Difatti, din l-istess socjeta, skond l-istess xhud Mercieca, lanqas biss ghandha jew izzomm "invoice books taghha". Fi kliem iehor hija socjeta' li tezisti ghall-konvenjenza kummercjali tas-socjeta' konvenuta u mhux biex tidhol f'obbligi ta' bejgh u xiri ma' terzi. Huwa veru wkoll li din il-kwistjoni setghet tigi simplifikata bis-sejha fil-kawza ta' din is-socjeta', izda xorta wahda hemm provi sufficjenti li juru li s-socjeta' konvenuta tinsab imharrka korrettement in kwantu l-obbligi kontrattwali kollha naxxenti u li jidderivu mill-ftehim jinsabu assunti mill-istess socjeta' konvenuta u minn ebda socjeta' ohra."

## PROSEGWIMENT TAL-KAWZA

Wara din is-sentenza in parte, l-Qorti ghaddiet biex tikkonsidra t-talbiet attrici fil-mertu anke in assenza ta' eccezzjonijiet ohra formali tal-konvenuti nomine fir-rigward ta' dawn it-talbiet. Il-process gie rimess lill-perit legali u dana wara li sema' l-provi llikwida d-danni fl-ammont ta' Lm861.01.

## IS-SENTENZA FINALI

B'sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet finalment il-kawza billi laqghet it-talbiet tal-attur, iddikjarat lill-konvenuti nomine unikament responsabbli ghad-danni minnu sofferti ghar-ragunijiet imsemmija fl-att tac-citazzjoni u imputabbli lill-istess konvenuti nomine, illikwidat dawn id-danni fis-somma ta' Lm865.01 u kkundannat lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur din is-somma li giet hekk likwidata bl-imghax relattiv dekoribbli mid-data tas-sentenza finali, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 1983 u dawk peritali jithallsu mill-konvenuti nomine.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA FINALI

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza finali taghha :-

"**Il-Provi Prodotti**

Jigi premess li l-konvenuti nomine ma pprezentaw l-ebda eccezzjoni ulterjuri ghajr dik preliminari li, kif indikat, giet michuda. Il-provi fil-mertu tressqu biss mill-attur. Difatti, apparti li xehed l-attur, xehdet ukoll il-mara tieghu Maria Galea, binhom Rennie Galea, u Carmelo Bort (ir-ragel ta' binthom).

Jirrizulta li l-attur u martu kienu xtraw, fost affarijiet ohra minghand is-socjeta' konvenuta, freezer ghal restauran li kienu fethu l-Bidnija, limiti tal-Mosta. Gara li wara xi tliet xhur il-freezer ma baqax jiffunzjona tajjeb. Maria Galea spjegat li l-mutur kien beda jahdem kontinwu minghajr ma jaqta' u ma kienx qed jaghmel silg b'konsegwenza li l-lham li kien ikollhom fih jihzien u jkollhom jarmuh.

Id-diversi xhieda prodotti mill-attur jikkonfemaw li t-technicians tas-socjeta' konvenuta marru diversi drabi biex jirriparaw il-freezer minghajr success. Mix-xiehda ta' Maria Galea difatti jirrizulta li marru tliet darbiet : l-ewwel darba zidulu l-kesha mis-switch, it-tieni darba ma tafx x'ghamlulu u t-tielet darba (wara li kienet gabet technician privat li qallha li l-freezer kien nieqes mill-gas) effettivament mlewh bil-gas. Kull darba kienu jghidulha timla l-freezer u hi tispicca jkollha tarmi l-ikel ta' go fih ghax jihzien. "Armejna l-laham almenu tliet darbiet". Wara li kienut aw il-gas lill-freezer hija fil-fatt irrifjutat li terga' timla l-freezer, it-technician pogga landa bl-ilma gol-freezer u meta l-ghada mar, sab li l-ilma ma kienx ghaqad u qallha li l-gas kien harg ghax imtaqqba. Xi gurnata jew tnejn wara, il-freezer ittiehed min-nies tas-socjeta' konvenuta u dan ghandhom xi tliet gimghat u 8in segwitu gie ritornat jahdem tajjeb.

## Konsiderazzjonijiet

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali osserva korrettement li huwa ovvju li l-attur sofra danni minhabba l-parir tat-technicians tas-socjeta' konvenuta. Wara li suppost isewwu l-freezer kienu jghidu lil mart l-attur biex terga' timla l-freezer, u nonostante li minghajr laham kien qed ikun hemm kesha fil-freezer u bil-laham it-temperatura tibda titla', kienu jghidulha biex tpoggi izjed. Freezer tajjeb ghandu jahdem sew minghajr kundizzjoni li jimtela' sa fuq nett! Billi eventwalment irrizulta li kien tilef il-gas, jidher car li l-freezer ma kienx qed jahdem sew mhux b'xi htija ta' l-attur jew ta' martu.

Is-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda xhud biex tipprova tirribadixxi l-provi mressqa mill-attur. Ghalhekk kien gustifikat il-perit legali li jislet dawn il-konkluzjonijiet :-

"1. Il-freezer in kwistjoni hargulha certu difetti wara biss tliet xhur li giet konsenjata (dakinhar il-freezer kienet ghadha taht garanzija ;

2. Dawn id-difetti kienu ta' natura serjissima tant li ma bdietx tkessah b'mod soddisfacenti u l-ikel ta' gewwa fiha kien jehzien ;

3. It-technicians tas-socjeta' konvenuta marru almenu tliet darbiet biex jirriparaw l-istess freezer izda bla ebda success ;

4. It-technicians kienu taw parir lill-attur u lil martu biex jimplew il-freezer bl-ikel u jimlewha kollha ;

5. B'rizultat ta' dan l-attur kellu jarmi kwantita' ta' ikel fi tliet okkazjonijiet ;

6. Kien biss wara li nghalaq l-istabbiliment li l-freezer issewwiet b'mod soddisfacenti u dan wara li technician indipendenti kien avza lill-attur li l-freezer ma kellhiex bizzejjed gas."

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni rizultati mid-difetti fil-freezer u l-parir konsegwenti hziena li taw it-technicians taghha.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

Id-danni pretizi mill-attur huma dawk rizultanti mid-Dok. M esebit minn Maria Galea fis-seduta peritali ta' l-24 ta' Settembru 1986 (fol. 38). Dan id-dokument jelenka diversi oggetti ta' l-ikel, principalment laham, li l-istess Maria Galea kkonfermat fix-xhieda taghha (a fol. 46) li kienu kostretti li jarmu. L-ammont huwa ta' Lm865.01. Is-socjeta' konvenuta ma kkontestat dan l-ammont bl-ebda mod u ghaldaqstant id-danni qed jigu likwidati f'tali ammont ta' Lm865.01.

**L-imghax pagabbli**

Gie sottomess mill-abbli difensur ta' l-attur li l-imghax m'ghandux jigi komputat mid-data tas-sentenza izda semmai mid-data tac-citazzjoni jew data tan-notifika ta' l-istess.

Issa l-gurisprudenza taghna segwiet il-principju li *in illiqudisis non fit mora*. Hekk per ezempju fi "Spiridione L. Mizzi pro et noe vs Emmanuele Falzon", Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954 (Vol. XXXVIII.iii.642), intqal :-

"Inoltre, hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont ……. il-massima *in illiqudis mora non contrabitur* mhix applikabbli. "La massima *in liquidandis non fit mora* intanto e' da accogliersi in quanto la illiqudita' del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile". "Quando il debito e' certo, ed il debitore puo' facilmenti determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio *inm liquidandis non fit mora"* (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Societa' Gas di Verona, Temi 938 ; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societa' pel Risanamento di Napoli ; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692)."

Fl-Appell Kummercjali "Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et", 16 ta' Dicembru 1991 (Vol. LXXV.ii.643), gie osservat :-

"Kreditur li sofra danni jista' jitlob lill-Qorti jew ammont determinat, minnu stabbilit, jew ammont **indeterminat** li jrid jigi mill-Qorti **determinat** jew kif abitwalment jinghad fil-proza guridika, **likwidat**. Ammont **likwidu** jew ammont **illikwidu** huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont **determinat** jew ammont **indeterminat**, u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjoni avvanzata fit-talba tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx l-ammont minnu **determinat** jew jitlob ammont **indeterminat** li ghandu jigi **determinat** mill-Qorti. Is-sinjifikat ta' din is-sentenza ma jinbidilx jekk kemm-il darba jintqal illi l-attur jaghzel jekk jitlobx ammont preciz minnu likwidat jew jitlobx ammont li ghandu jigi mill-Qorti **likwidat** ;

**Tillikwida** tiddeskrivi l-azzjoni li biha ticcara sitwazzjoni li cara ma tkunx, u per analogija, ghalhekk tintuza biex sitwazzjoni monetarja konfuza jew mhix cara, tigi stabbilita u ccarata. Per estensjoni, infatti, **tillikwida vertenza**, tfisser tikkonkludiha u b'hekk ticcaraha definittivament ….."

F'dik il-kawza "il-pretiza ta' l-attur kienet ghal ammont **cert u likwidu**, u l-kontestazzjonijiet u c-cahdiet tal-konvenuti huma ghal kollox fatturi irrilevanti ghad-determinazzjoni ta' certezza u l-likwidita' tal-pretiza tal-attur." Ghalhekk l-imghax kummercjali jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

> Hekk ukoll fl-Appell Civili "Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et", 10 ta' Jannar 1995 (Vol. LXXIX.ii.239) fejn l-atturi appellanti ppretendew li l-imghaxijiet fuq ammont likwidat ghal servigi kellhom ikunu komputanti mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza, gie ritenut li dik "il-pretensjoni li ma tistax tintlaqa' minhabba li l-principju legali li jghodd ghall-kaz hu li *in illiqudis non fit mora*."
>
> U sahansitra l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Vincent Vella et noe vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza fil-20 ta' Jannar 1993 iddecidiet li l-imghax fuq somma likwidata bhala kumpens kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza (Vol. LXXVII.i.27).
>
> Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddipartixxi minn din il-gurisprudenza kostanti. Fil-kaz in ezami l-attur ma talabx il-hlas ta' somma certa u likwida izda talab lill-Qorti tillikwida d-danni minnu sofferi, occorendo permezz ta' periti nominandi. Jigifieri l-attur qieghed jitlob li tigi ccarata u konkluza definittivament vertenza. Id-danni qed jigu likwidati definittivament illum u ghalhekk l-imghax, a bazi tal-principju suespost, ghandu jiddekorri millum."

**<u>APPELL</u>**

Is-socjeta' konvenuta appellata appellat kemm mis-sentenza preliminari tat-8 ta' Mejju 1995 kif ukoll mis-sentenza finali tas-16 ta' Marzu 1999.

**<u>IS-SENTENZA PRELIMINARI</u>**

Is-socjeta' konvenuta ssostni illi kien irrizulta abbondantement car mill-provi li l-kuntratt tal-bejgh gie ffirmat mill-attur mas-socjeta' United Acceptances Finance Limited u mhux ma' Mizzi Limited. Dan jidher car mill-ftehim ta' bejgh bejn l-attur u dik is-socjeta' datata 4 ta' Novembru 19981. B'dana kollu l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tippronunzja s-sentenza taghha kontra l-konvenuti in rapprezentanza ta' Mizzi Limited ghax fil-fehma taghha z-zewg socjetajiet kienu t-tnejn proprjeta' ta'

Mizzi u l-attur ma setax ragonevolment ikun jaf ma min kien qed jikkontratta. Dana ma kienx korrett ‘il ghaliex l-attur kellu f’idejh kopja tal-kuntratt tal-akkwist. Ghalkemm kien veru illi z-zewg socjetajiet kienu jaghmlu parti mill-grupp ta’ negozju ta’ Mizzi Brothers, legalment kien hemm distinzjoni ta’ personalita’ guridika bejn iz-zewg socjetajiet u dan il-fatt guridiku kellu jigi rispettat u osservat mill-Qorti. Il-principju legali kien li s-socjeta’ ghandha personalita’ guridika distinta minn kull socjeta’ jew persuna ohra u “l-Qorti ma kellhiex tiskardina dan il-principju sempliciment ghaliex l-attur seta’ gie indott involuntarjament fi zball bil-fatt li ma rrejalizzax ma’ min kien qieghed jikkontratta”. Dan l-aggravju li mad-daqqa t’ghajn wiehed seta’ jqisu sostenibbli ifalli meta jigi meqjus fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u tal-provi prodotti.

Filwaqt illi fir-rikors tal-appell, is-socjeta’ Mizzi Limited issostni illi ma kienitx hi li ghamlet il-bejgh lill-attur imma kienet is-socjeta’ United Acceptances Limited, il-credit controller ta’ Mizzi Group of Companies li allura jikkontrolla kemm is-socjeta’ konvenuta kif ukoll il-United Acceptances Finance Limited, hekk xehed :- “Il-United Acceptances tiffinanzja l-bejgh li jsir bid-dejn minn Mizzi Group of Companies cioe’ mill-kumpaniji li jiffurmaw lil Mizzi Group of Companies. Bhala regola generali l-United Acceptances ma tinnegozjax fis-sens illi ma tixtrix u ma tbieghx pero’ hemm xi eccezzjonijiet. Fil-kaz partikolari ta’ Mizzi Limited, il-bejgh minn din il-kumpanija jsir principalment b’zewg modi cioe’ jew bejgh b’cash sale minn diversi showrooms li din il-kumpanija

ghandha jew inkella bejgh b'hire purchase. Fit-tieni eventwalita' (li hi dik li tahtu jaqa' n-negozju li ghamel l-attur) cioe' l-bejgh b'hire purchase, il-procedura li tintuza hija fis-sens illi s-socjeta' Mizzi Limited tbiegh oggett lil United Acceptances li imbaghad din tal-ahhar tbiegh lill-klijent. Il-United Acceptances meta tbiegh lill-klijent iddahhal biss ic-charges u imghaxijiet li tkun ghamlet pero' mhux profitt tal-oggett. Ma jsirx kuntratt formali ta' bejgh minn Mizzi Limited lil United Acceptances pero' jezisti a blanket arrangement fis-sens illi din it-transazzjoni tirrizulta mill-kotba ta' kumpaniji relattivi". Hadd ma elabora x'tip ta' blanket arrangement hemm u jibqa' dejjem incert jekk u b'liema mod l-oggetti li certament ikunu fl-ewwel lok importati mis-socjeta' appellanti u zgur ikunu f'dak il-mument proprjeta' taghha jigu trasferiti fi proprjeta' tas-socjeta' United Acceptances Limited, b'liema prezz u taht liema kondizzjonijiet. Lanqas hadd ma spjega jekk ir-rikavat tal-bejgh ta' dawn l-oggetti li jsir bil-hire purchase kienx fl-ewwel lok jghaddi f'idejn is-socjeta' United Acceptances Limited u kif dan imbaghad kien jigi trasferit lis-socjeta' Mizzi Brothers. Zgur pero' illi l-General Manager tas-socjeta' appellanti xehed illi "l-oggetti mibjugha lill-attur gew impurtati minn barra jew manifatturati lokalment skond il-kaz mis-socjeta' Mizzi Limited. L-advertising fis-suq isir ukoll minn Mizzi Limited u b'hekk min ikun irid jixtri jrid javvicina lil din is-socjeta". Hu wkoll stabbilit illi l-funzjoni tas-socjeta' United Acceptances Finance Limited ma kienitx dik li tbiegh oggetti imma illi "tiffinanzja l-bejgh li jsir bid-dejn minn Mizzi Group of Companies cioe' mill-kumpaniji li jiffurmaw il-Mizzi

Group of Companies". Kienet allura socjeta' imwaqqfa biex tiffacilita' n-negozju intern ta' dan il-grupp ta' kumpaniji u in sostanza anke jekk mhux familment ma tidhol fl-ebda relazzjoni kontrattwali ta' kompro-vendita mal-klijenti.

Infatti dan hu aktar evidenti bil-fatt illi filwaqt illi fil-ftehim tal-4 ta' Novembru 1981, is-socjeta' United Acceptances Finance Limited tidher formalment bhala owner tal-oggett mibjugh bil-hire purchase lill-attur, il-kondizzjoni numru 4 tal-istess ftehim jistipula illi "the owners guarantee the said goods as per standard guarantee issued from date of delivery under the said terms and conditions <u>as per warranty given by Mizzi Limited</u>". Dan ifisser illi l-garanziji ghat-tiswija u tibdil ta' partijiet difettuzi li jirrizultaw fl-oggett mibjugh fiz-zmien tal-istess garanzija kellha taghmel ghalihom tajjeb is-socjeta' Mizzi Limited. Dan ukoll konformement mal-fatt illi l-ftehim sar ma' din is-socjeta' fit-termini tal-ittra taghha tat-28 ta' Gunju 1981 fejn gew konfermati l-<u>prezzijiet</u> u t-<u>termini tal-pagament</u> kif ukoll il-<u>garanzija</u> moghtija. Infatti dawn id-dettalji jirrizultaw minn invoices mahruga mis-socjeta' konvenuta indirizzati lill-attur li jgibu l-istess data tal-ftehim tal-Hire Purchase Agreement mas-socjeta' United Acceptances Finance Limited. Interessanti illi dawn l-invoices li huma l-prova tal-bejgh tal-konsenja u tat-termini tal-pagament ghandhom indikat in calce taghhom firma ta' impjegat tas-socjeta' Mizzi Limited, mhux identifikat, taht il-kliem "<u>sold-by</u>", ghandhom ukoll fin-naha ta' fuq, fuq il-lemin taghhom il-kliem

“payment by V A L – A G R 6894”, li huwa ezattament in-numru tal-hire purchase agreement redatt mal-United Acceptances Finance Limited. Infatti din l-ahhar annutazzjoni tindika expressis il-“method of payments” kif kellu jithallas l-ammont dovut lis-socjeta’ konvenuta ghall-merkanzija konsenjata minnha lill-attur.

F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax kif is-socjeta’ appellanti tista’ tippretendi illi min ikun innegozja maghha l-akkwist ta’ oggett li hi stess iddikjara li kien ta’ proprjeta’ taghha u hekk tirreklamah u tbieghu, ikun pregudikat minhabba xi arrangament intern bejnha u u bejn socjeta’ ohra biex jiffacilita l-finanzjament tan-negozju meta rejalment kienet hi li kienet effettivament qed tbiegh u tircievi r-rikavat tal-prezz mibjugh. Kwazi kwazi tista’ tigi ravvizata l-figura ta’ bejgh “per interposte persone”. Certament il-Qorti ma kellhiex tissanzjona eccezzjonijiet teknici ta’ din in-natura li kienu jiznaturaw ir-relazzjoni guridika bejn il-venditur u x-xerrej u li kienu jippregudikaw l-kors veru tal-gustizzja.

Dan kollu apparti, hu wkoll evidenti fil-kaz taht ezami, illi l-azzjoni vera proprja ma kellhiex l-origini taghha fil-kuntratt ta’ hire purchase li sar mas-socjeta’ United Acceptances Limited imma kellha l-origini taghha fil-garanzija li tat espressament is-socjeta’ konvenuta kemm direttament kif inghad, kif ukoll bhala parti mill-kondizzjonijiet li l-istess socjeta’ United Acceptances Limited accettat bhala parti mill-ftehim u dana peress illi l-azzjoni kienet wahda ghal danni konsegwenzjali ghal difetti u funzjonament hazin riskontrati fl-oggett mibjugh. Anke taht dan ir-

rigward u taht dan l-aspett, is-socjeta' Mizzi Limited kellha titqies li kienet legittimu kontradittur tal-attur ghaliex jekk din obbligat ruhha li taghmel tajjeb ghad-difetti mekkanici tar-refrigeration and freezing equipment kemm direttament kif ukoll tramite l-United Acceptances Finance Limited, hi kellha taghmel tajjeb ukoll ghad-danni konsegwenzjali ghal tali difetti. Dan nonostante d-dikjarazzjoni fuq il-garanzija minnha stess rilaxxata illi "it will no way be answerable for any contingent or consequential damage, liability or loss arising from such defects". Ir-responsabbilita' ghal dawn id-danni konsegwenzjali torigina ex lege. Dan l-aggravju kien qed jigi allura respint u s-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tat-8 ta' Mejju 1995 qed tigi konfermata.

**IS-SENTENZA FINALI TAS-16 TA' MARZU 1999**

Is-socjeta' konvenuta appellat ukoll mis-sentenza finali li llikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm865.01. Hi ssostni li l-likwidazzjoni tas-somma saret b'mod approssimattiv u minghajr ma gew mressqa ebda provi in sostenn. Kien jinkombi fuq l-attur li jipproduci l-prova dettaljata tad-danni sofferti u dik il-prova ma saritx. In oltre l-likwidazzjoni kellha ssir abbazi tal-prezzijiet tal-1984 u mhux tal-1999. Il-konvenuti nomine ma seta' kellhom ebda kontroll fuq dak li allegatament sofra l-attur f'materjal tal-ikel li kellu jarmi. Ghalhekk huma jissottomettu li dawn id-danni likwidati ma gewx sufficjentement provati. Anke dan l-aggravju jirrizulta ghal kollox insostennibbli.

Jirrizulta mill-atti illi l-attur ghamel il-prova li kien tenut jaghmel. Ezebixxa lista dettaljata u prospett tad-danni minnu reklamati li gie analizzat mill-perit legali u li ma gie bl-ebda mod kontestat mis-socjeta' konvenuta. Mhux biss ma saru l-ebda domandi in kontro-ezami tal-attur biex jigu kontrastati d-dettalji minnu moghtija imma s-socjeta' konvenuta naqset ukoll illi b'xi mod tikkontesta ir-relazzjoni peritali li la eskludiet il-perit wara li ghamel it-tieni rapport tieghu u lanqas talbet ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Mill-atti lanqas jirrizulta li ghamlet xi sottomissjonijiet lill-ewwel Qorti li fihom elaborat fejn skond hi d-danni reklamati kienu ezagerati jew mhux sorretti fil-provi. Is-socjeta' konvenuta allura ma tistax f'dan l-istadju ta' revizjoni tpoggi fid-dubbju dak illi quddiem l-ewwel Qorti ghazlet li taccetta bhala provat. Din il-Qorti inoltre ma tara xejn ezagerat fl-ammont reklamat meta wiehed iqis li hawn si tratta ta' restaurant armat sewwa li necessarjament kellu jistokkja mod konsiderevoli ta' merkanzija ta' ikel biex iservi lill-klijenti. Ghandu wkoll jinghad illi l-ebda eccezzjoni ma inghatat mis-socjeta' konvenuta quddiem l-ewwel Qorti li biha gie kkontestat il-quantum tad-danni reklamati mill-attur. Ma huwiex allura lecitu f'dan l-istadju ta' revizjoni illi l-konvenuti nomine jissollevaw eccezzjoni ta' din ix-xorta. Anke dan l-aggravju qed jigi ghalhekk rigettat u s-sentenza finali tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Marzu 1999 konfermata.

Ghal dawn il-motivi, iz-zewg appelli qed jigu michuda u s-sentenzi appellati konfermati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti nomine.

Dep/Reg

mg